FGURA

Minuti tal-laqgħa (laqgħa urġenti) numru sebgħa u tletin tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum l-Erbgħa 17 ta' Novembru 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Is-Sur Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A.Degiovanni |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sinjura R Cutajar<br>Is-Sur A Debono<br>Is-Sur M Lombardo<br>Is-Sur P Dalli<br>Is-Sur C Bonello<br>Chev. D Marmara` KLJ |
| **D/Segretarju:** | Is-Sur P. Massa |

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 __Tnaqqis ta' fondi tal-Kunsill__

1.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħa urġenti ta' llum issejħet wara talba li saret nhar it-Tnejn 15 ta' Novembru 2010 minn tlett Kunsilliera kif stipulat minn artikolu 29A ta' Kapittlu 363 tal-Liġijiet ta' Malta – Att dwar il-Kunsilli Lokali.

Is-Sur C Bonello spjega li l-ħsieb wara t-talba biex issir din il-laqgħa kien biex issir diskussjoni mill-Kunsill dwar il-fatt li ser jitnaqqsu €49,439.00 mill-allokazzjoni tal-Kunsill tas-sena 2011 u kif dan it-tnaqqis ser jaffetwa l-operat tal-Kunsill għas-sena d-dieħla. Huwa tenna li kien jeħtieġ ukoll li r-residenti jingħataw stampa eżatta dwar kif ġraw il-fatti u jinħareġ messaġġ ċar dwar ir-responsabbilta ta' dak li seħħ.

Wara li s-Sur D Marmara` spjega pass pass is-sekwenza ta' dak li ġara u saret diskussjoni fit-tul f'dan ir-rigward, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2861/10/6 "Il-Kunsill Lokali tal-Fgura jinnota d-deċiżjoni tad-Direttur tal-Kunsilli Lokali fejn ġew imnaqqsa €49,439 mill-allokazzjoni tal-Kunsill minħabba l-proċedura rregolari li ntużat

Mayor, vicemayor, councillors, Dep r el-staff

fir-resurfacing ta' Triq Gallu u Triq Wistin Levanzin. Il-Kunsill Lokali tal-Fgura jħoss li filwaqt li d-Direttur wettaq dmiru, wieħed irid jieħu inkonsiderazzjoni ċertu affarijiet oħra. Ix-xogħol imsemmi ġie mkejjel u approvat mill-Perit tal-Kunsill u kif ukoll tħallas wara l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, filwaqt li l-proċedura rregolari imsemmija qatt ma ġiet approvata f'laqgħa tal-Kunsill. Għalhekk, fiċ-ċirkostanza l-Kunsill Lokali tal-Fgura jħoss li mhux sewwa li tinqata' s-soma ta' €49,439 mill-allokazzjoni ta' fondi lill-Kunsill Lokali tal-Fgura għas-sena 2011, għaliex finalment dan ser jaffetwa l-aħjar ħidma tal-Kunsill fl-aħjar interess tar-residenti tal-Fgura. Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tal-Fgura qiegħed jgħamel dan l-appell mid-deċiżjoni tad-Direttur u jitlob li s-somma msemmija ma tinqatax mill-allokazzjoni ta' fondi tal-Kunsill, jew talanqas titnaqqas għal waħda aktar rejalistika". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sur A Debono, Sur M Lombardo, Sur C Bonello, Sinjura R Cutajar.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur D Marmara`.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2861/10/6 kienet approvata bi tmien voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

1.02 Is-Sur D Marmara` qara dikjarazzjoni li ressaq lill-Kunsill u li qed tkun annessa bħala Dok'A'. Wara li saret diskussjoni fuq id-dikjarazzjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2862/10/6 "Sabiex dan il-Kunsill jinforma lill-media bid-deċiżjoni meħuda illum għal-appell, filwaqt li jiċċirkola l-mozzjoni approvata llum". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sur A Debono, Sur M Lombardo, Sur C Bonello, Sinjura R Cutajar.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur D Marmara`.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2862/10/6 kienet approvata bi tmien voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

## 2.0 Aġġornament

2.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10p.m.

Sindku

D/Segretarju